# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 238 :: MARZU, 2016



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com


**F'MARZU MHUX SE JKOLLNA LAQGĦA MINĦABBA LI L-AĦĦAR ĠIMGĦA TAX-XAHAR SE TKUN IL-ĠIMGĦA L-KBIRA, GĦALKEMM MATUL MARZU SE JKOLLNA L-BBQ**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## F'MARZU NILTAQGĦU GĦAND FRANK U DRAGA BONETT NHAR IL-ĦADD, 13 TA' MARZU




Qed nippjanaw li l-barbecue se jinżamm fit-tieni Ħadd ta' Marzu, jiġifieri l-**Ħadd, 13 ta' Marzu.** Bħas-soltu niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, 125 Blackwells Lane, Bulla. Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofs-tanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna barbecue fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu magħkom platti, tazzi, eċċ u xi qari. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella fuq 9460-4404 jew Mobile 0409 961 928 sal-Ħamis, 10 ta' Marzu.** Dawk li jużaw l-internet ikunu jistgħu jibagħtu email lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.



## TAĦT IL-KPIEPEL T'GĦAJNEJJA

"Min iħawwad fil-borma jkun jaf x'fiha, u billi għal ħafna snin kont biss mara tad-dar u omm, is-sentimenti li ħassejt dak iż-żmien ngħożżhom daqs l-aqwa ħsieb. Forsi mhux dejjem kont femminista, iżda dak li ġarrabt bħala mara tad-dar għalija dejjem kien sinjikattiv, u għalhekk għadu ta' siwi għalija li nitkellem ukoll b'dal-leħen. Jien dejjem kont, għadni u nibqa' mara sħiħa, u kburija li nitkellem dejjem ta' mara. Nittama li n-nisa kollha jsibu lil-hom infushom f'xi poeżija jew oħra tiegħi."

***- Maria Grech Ganado***



# FRAĠLI: *Poeżiji u metalinji ta' Tarċisju Zarb u Andrew Sciberras*

*(Pubblikazzjoni: l-awturi; qoxra: ritratt ta' Aaron Bonnici; stampat: Printwell; Donazzjoni lil Puttinu Cares; paġni 140 +prelims)*

FEJN IL-MIDJA SOĊJALI U L-KTIEB JILTAQGĦU BLA DISTINZJONI TA' APPARTENENZI (Tarċisju Zarb)



Bit-tħabrik, il-ħila u l-arti ta' Andrew Sciberras għadu kif ħareġ għall-bejgħ, f'edizzjoni limitata, il-ktieb FRAĠLI: Poeżiji u metalinji ta' Tarċisju Zarb u Andrew Sciberras, żewġ poeti li fi kliem Mario Azzopardi, il-poeta sintomatiku tal-poeżija moderna Maltija ġara li: "Dak li għall-bidu jidher bħala 'dissonanza' ma jdumx ma jibda jagħmel sens organizzat fejn iż-żewġ poeti jinterzjaw ħsibijiet f'qafas ta' postmoderniżmu letterarju li f'Malta ftit li xejn għad hawn min daħal biex jesplorah u jinterpretah." Il-ktieb, fil-qofol tiegħu jikkonsisti minn poeżiji ta' Andrew Sciberras, miġbura minn Samsara, sa Frammenti minn Moħħi, kotba tal-poeżiji tal-istess poeta, u poeżiji ta' Tarċisju Zarb ilkoll xi darba jew oħra ppowstjati fil-paġna facebook tiegħu.

Barra prologu dwar dik li Zarb iqis bħala 'in-neonarrattiva poetika tal-midja soċjali', kif ukoll epilogu, fejn l-istess Zarb jitkellem dwar in-nozzjoni poetika fil-mod kif din tnisslet minn ħassieba poetiċi fost oħrajn Emily Dickinson, Alexandre Vinet, Percy Bysshe Shelley u oħrajn, f'dan il-ktieb wieħed isib għadd ta' postskritta ta' kittieba varji.

Dawn il-postskritta huma ta' xeħta eklettika, jiġifieri mill-poeżija, il-filosofija, il-psikoloġija, is-soċjoloġija u oqsma oħra ta' tagħrif u tagħlim, li l-istudenti ta' żmienna jiġu f'kuntatt magħhom, fl-istudji tagħhom. Barra minn hekk hemm ukoll kummenti li l-utenti tal-facebook u l-wordpress fost oħrajn, għaddew fuq il-poeżiji, fosthom dawk ta' kittieba oħra u studenti bħal Maria Grech Ganado, Marlene Saliba, Therese Pace, Joan Burlo, Raymond Grech, Wayne Farrugia, Ċettina Saliba, Tanya Dimech, Jessica Fenech, Jonathan Azzopardi, Annette Apap, Josianne X. Azzopardi, Toni Sant, Adrian Stivala, Mary Grech, Salvina Bugeja, Pawlu Mizzi, Jesmond Sharples, Patrick Sammut, Benjamin Zarb, Melvic Zammit, Charles Spiteri, Melita Galea, Carmen Moran, Sean Azzopardi, Joseph Felix Cachia u ħafna ħafna oħrajn. Tarċisju Zarb huwa tal-fehma, li f'dawn il-kummenti spontanji, qiegħda tinħoloq tip ta' 'kritika-apprezzattiva' li qatt ma kien hawn bħalha, għallinqas hawn Malta, qabel daħlu l-midja soċjali. Il-'kritika letterarja' b'dan il-mod qiegħda sssir il-prerekwiżit ta' kulħadd bla distinzjoni.

Fil-qoxra tal-ktieb hemm żewġ poeżiji qosra li fil-konċiżjoni tagħhom jiġbru l-qofol poetiku taż-żewġ poeti:
Moħħi/akkwarju/b'istinti/tribali/invażat/b'ħut/tropikali /bħal gladjaturi/jissieltu/fi spazji/limitati. (MOĦĦI: Andrew Sciberras);
Wegħidtni l-ferħ./Għaxija sabiħa./Ta' dil-lejla xitwija, / Imma l-ferħ ma ġiex. // Tibżax lejla xitwija. / Għandi xi jgħidli. / U dana b'saħħa. / Li l-ferħ. Ġa qiegħed fija. // Mhuwiex ta' b'xejn. / Dal-ġmiel ta' poeżija! (FERĦ: Tarċisju Zarb)

Il-ktieb huwa ddedikat lil Ġorġ Borg, poeta uniku u Joe Borg għalliem u divulgatur ta' lsienna għall-pariri tagħhom, kif ukoll għal dik li Zarb iqis bħala l-pedagoġija li tuża l-poetiċità-lingwi bħala mod ta' tagħlim/tgħallim. Dan ifisser li għaż-żewġ poeti, imma l-aktar għal Zarb bħala għalliem u oriġinatur ta' metodoloġiji varji, fosthom The Scribe Approach, il-pedagoġija tista' ssir ukoll billi testi ta' xeħta 'xjentifika' u 'funzjonali', jistgħu jinbidlu f'xi tip ta' 'narrattiva poetika', mill-istudenti nfushom, u b'dan il-mod suġġetti bħal Psikoloġija, Bijoloġija, Soċjoloġija u Lingwi jsiru jagħmlu parti ewlenija mill-mod kif jaħsbu l-istudenti. Din hija teorija 'ġdida', li Zarb jadotta ta' sikwit fil-korsijiet ta' tagħlim li jorganizza minn żmien għal żmien.

Dan il-ktieb huwa uniku fil-mod kif inbena, u wieħed mill-ewlenin, li qiegħed jara kif jagħmel biex il-poeżija tintlaħaq minn kulħadd. Il-facebook u midja soċjali oħra qegħdin joħolqu modi eċitanti, ta' kif wieħed jilħaq poetikament lil kulħadd bla distinzjoni ta' appartenenzi, kulur jew aċċess għar-riżorsi.

Tarċisju Zarb jirringrazzja lil Andrew Sciberras kif ukoll lil utenti ta' facebook, li jgħinuh jitkellem poetikament, billi joħolqu egu-altru ma' min jitkellem b'din it-tip ta' vuċi. Jalla l-ġid lil kulħadd.

IL-KTIEB JISTA' JINXTARA MINGĦAND ANDREW SCIBERRAS LI JISTA' JINTLAĦAQ FUQ IL-FACEBOOK.


*Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*




Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# ITTRI LI NIRĊIEVU . . .

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju u l-artikli interessanti li ġew ippublikati. Għoġobni l-artiklu dwar Jeremy li trabba ċ-Ċina u sa minn ċkunitu kellu biex ngħidu hekk battalja sħiħa biex jitgħallem il-Malti. Jien għaddejt minn din l-esperjenza personalment għaliex qattajt żmien mhux ħażin iċ-Ċina u kelli t-tfal fl-iskola ġewwa Beijing. Għamilt ħilti biex il-Malti jżommuh ħaj u rnexxieli. Illum jinsabu lura Malta u m'għandhom l-ebda diffikultà biex jitkellmu l-lingwa tagħhom. Li wieħed iżomm ħajja l-lingwa tiegħu hija xi ħaġa li kulħadd għandu jkun kburi biha.

Tislijiet minn Kanberra,

*– Dr. Joseph Pirotta, DHC*

Għażiż Paul, Nirringrazzjak tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ħarġa ta' Frar 2016.

Ma nirrepetilekx dejjem l-istess kliem ta' kemm hu tajjeb, interessanti u dinjituż, għax dawn il-virtujiet diġa' huma l-karatteristika tal-folju, sa' mill-ewwel ħarġa tiegħu. Li rrid, hu, li nesprimi l-gratitudni tiegħi lejk u lejn il-bqija tal-grupp, tal-opportunità li qed tagħtuni, insegwi dak li letterarjament hu għaddej bejn iż-żewġ pajjiżi. L-aħbarijiet letterarji jgħinu sabiex il-kittieba kollha, f'armonija aħwija, jagħrfu aktar lil xulxin u jiżviluppaw fuq temi innovattivi u jittempraw aktar il-kitbiet tagħhom. Il-letteratura hija kontenut ħaj, u effettiv. Prosit ħafna Paul, talli qed tikkontribwixxi biex il-letteratura tagħna ma tixxejjen qatt.

B'imħabba: *– Mario Griscti*

Għażiż Paul, Nibgħat nirringrazzjak qatigħ tal-Folju għax-xahar ta' Frar 2016.

Sabiex infakkar lill-ħabib kbir tiegħi Joe Saliba tal-Awstralja u lill-poeta maħbub minni u minn bosta poeti Maltin, nixtieq nibgħatlek il-poeżija 'Marzu' biex tidher fil-folju tax-xahar imsemmi.

Sadanittant nibgħat inselli għalikom u m'għandix kliem biżżejjed biex ngħidilkom kemm hu apprezzat ix-xogħol tagħkom b'risq il-Malti u l-letteratura. *(il-poeżija fil-kolonna tal-lemin, fuq)*

*– Amanda Busuttil*

Għażiż Paul, Nixtieq nirringrazzjak minn qalbi tal-Folju ta' Frar. Bħas-soltu kien fih artikli, rapporti u notifiċi t'interess, fosthom ir-rapport dwar is-serata taċ-ċelebrazzjoni tal-40 Anniversarju tal-Għaqda Poeti Maltin, tagħrif dwar Charles Coleiro, ħidmietu u l-kontribuzzjonijiet tiegħu f'diversi oqsma u fl-aħħar u mhux l-inqas, il-kitba ta' C.R Sant dwar il-ktieb il-ġdid tiegħu 'Two Queens and the Megalithic Temples'. Mort f'dawk iż-żewġ siti li semma u emminni, bqajt skantat bir-riċerka profonda u xjentifika li għamel is-Sur Sant. Laqtuni l-aktar u sibt l-iktar t'interess l-'exploded views' tal-Ġgantija kif ukoll il-'layout' tal-kupless tal-Imnajdra li jitfgħu dawl fuq il-kalendarji antiki tat-tempji megalitiċi u fuq l-intelliġenza ta' missirijietna. Prosit u prosit tassew lis-Sur C.R. Sant.

Madankollu, xtaqt niktiblek ukoll Paul, dwar il-Folju ta' Jannar għax għadni sal-lum nhewden, ninkwieta u naħseb fuq It-tieni stqarrija tal-istituzzjonijiet u l-għaqdiet tal-Malti dwar il-PROĊESS MIFTUĦ U DEMOKRATIKU DWAR L-ILSIEN MALTI li dehret f'din il-ħarġa ta' Jannar. Għadni ma nistax nifhem u nemmen kif il-lum, fis-seklu wieħed u għoxrin, l-Ilsien Malti għadu jiġi ippolitiċizzat. Possibbli l-mentalità ta' ċertu Maltin s'hawnhekk tlaħħaq? Mill-ġnus kollha tad-dinja, l-ilsien huwa dik ix-xi ħaġa li tiddistingwina minn kull ġens ieħor. L-Ilsien Malti hu dak li jagħmilna Maltin u l-unika ħaġa li jgħaqqadna u jiddistingwina bħala Maltin. Possibbli fejn tidħol importanza bħal din dwar ilsienna, il-Ministeru għadu daqshekk lura? (Dejjem skond l-istqarrija li qrajt.) Nistaqsi, "Għaliex din id-diviżjoni u qasma? Possibbli li f'dawn l-aħħar 36 sena li ilni nieqes minn art twelidi, ċertu nies għadhom ma mxew xejn 'il quddiem fil-mentalità?" Veru tal-biki din is-sitwazzjoni. Mur ġib lil Mikiel Anton Vassalli, Dun Karm Psaila, Ġuże Aquilina, Ġuże Chetcuti u oħrajn li kienu pilastri strumentali biex ilsienna jingħata l-importanza, il-ġieħ u l-għarfien li jixraqlu, jaqraw dwar il-qagħda ta' lsienna u l-intelliġenza ta' xi wħud fil-ġurnata tal-lum fl-2016. Meta ħa nikbru u nitgħallmu? Meta ser nuru ftit mill-intelliġenza ta' missirijietna?

Tislijiet sinċiera u mill-qalb,

*– Nazzarene Zerafa*

# Marzu

Kelli nerġa' narak, nieqa ħanina
tal-ewwel ħolm li ħlomt! Qatt ma kont nobsor
li se nerġa' narak! Donnu ġie x'qalli
li ħuk mar jistrieħ fis-sliem għal sena,
kellu jkunli ta' qabar: għax xejn aqwa
u xejn aħjar mill-mewt ma jista' jtini
min iħobbni tassew; u ħuk it-twajjeb
ħabbni bla tarf, u ried, b'xhieda ta' mħabbtu,
jaqtagħli xewqti. Kien għalxejn. Darb'oħra
erġajt fi ħdanek, Marzu tiegħi, nieqa
ta' l-ewwel ħolm li ħlomt! Xi ġmiel madwari!
X'seħer hu dan! X'milja ta' ħajja! X'qawwa!
tiġġedded fil-ħolqien! Kemm hi tal-għaġeb
il-miġja tiegħek, Marzu tiegħi! Kollox,
kollox joħla u jfuħ; kollox jitbissem;
kollox jogħxa bil-ferħ! Jien biss, jien waħdi
irrid u ma nistax inkun bħall-bqija
tal-ħlejjaq fuq din l-art. Marzu ta' qalbi,
jekk kont darba ħanin meta wellidtni,
kun mitt darba ħanin issa w iġborni.

*– Karmenu Vassallo*

## Trevor Żahra: 45 sena awtur...140 ktieb



L-awtur Trevor Żahra kiteb iktar minn 140 ktieb u dan ix-xahar qed jiċċelebra l-45 sena minn meta kiteb l-ewwel ktieb tiegħu.

Ma' Newsbook.com.mt, Trevor stqarr li l-ewwel ktieb tiegħu kien fi Frar ta' 45 sena ilu. Madankollu, tenna li kien iħarbex xi storja jew taqbila minn mindu kien tifel.

Stqarr li l-ambjent li tkun imdorri tgħix fih jaffettwak u għaldaqstant stqarr li daru minn dejjem kellha ħafna kotba minħabba li missieru kellu librerija kbira ħafna.

Jiftakar lil ħutu dejjem jaqraw u l-kuraġġ li kienu jagħtuh l-għalliema tal-iskola tiegħu . Żied jgħid li dawn ħallew impatt biex wasal jikteb numru ta' kotba.

Madankollu, b'sinċerità qal li nanntu u zitu kienu l-akbar influwenza tiegħu għaliex kienu jirrakkontawlu l-istejjer, fosthom il-ħrejjef, il-leġġendi, il-poeżiji kif ukoll l-istejjer tal-familja li jmorru lura għal żmien twil.

Spjega li l-ewwel ktieb tiegħu kien "Il-Pulena tad-Deheb" li jittratta avventura tat-tfal li qed ifittxu t-teżor tal-familja tagħhom.

Stqarr li l-ispirazzjoni tiegħu kienu l-kotba ta' Enid Blyton għax bħala għalliem kien jara lit-tfal jaqrawhom, minħabba n-nuqqas ta' kotba bil-Malti.

Ħass li kien hemm bżonn kotba ta' divertiment u mar għall-idea li minnha ħareġ il-ktieb "Il-Pulena tad-Deheb".

Stqarr li m'hemmx ktieb partikolari li jippreferih minn oħrajn għax kull ktieb huwa differenti u ma tistax tqabbel il-kotba tat-tfal mal-kotba tal-adulti.

Min-naħa l-oħra, mir-rispons tal-qarrejja għall-kotba tiegħu, Trevor qal li l-iżjed ktieb li ntlaqa' kien "Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa" minħabba s-sens umoristiku, is-sess u jittratta wkoll il-ħajja tal-Maltin ta' żmien il-gwerra. Żied jgħid li huwa ktieb li ġie tradott għall-Ingliż, ippubblikat bil-Franċiż u dalwaqt se jiġi ppubblikat bin-Noverġiż u bir-Russu.

Barra minn hekk, qal li l-ktieb "Stella, Jiena u Hu", li nkiteb meta mietet martu, hu ktieb ta' suċċess ieħor u jiddistingwi lilu nnifsu mill-ktieb imsemmi qabel għax jittratta r-relazzjoni tiegħu ma' Stella fil-ħajja miżżewġa. Stqarr li s-suċċess wara dan il-ktieb kien minħabba s-sempliċità tiegħu għax jirrakkonta l-ħajja li jgħixuha ħafna nies.

Temm jgħid li bħalissa qed jaħdem fuq sensiela ta' novelli li se jiġu ppubblikati sentejn oħra.

# MILL-ĦMURA TAX-XEFAQ – *Ktieb tal-Poeżiji ta' Charles Bezzina*

Il-Poeta Għawdxi Charles Bezzina mill-Belt Victoria għal darba oħra qed jerħilna f'idejna ktieb ieħor tal-poeżiji tiegħu li huwa semma Mal-Ħmura tax-Xefaq li jiġbor fih damma ġmielha ta' poeżiji li huwa kiteb bejn l-2011 u l-2014. Il-Poeta jiddedika din il-pubblikazzjoni lill-għażiża ommu li jgħix magħha taħt l-istess saqaf, u għandu studju tajjeb ħafna tal-Professur Oliver Friggieri li f'Charles Bezzina jilmaħ wieħed mill-aħjar poeti Maltin li jħaddmu r-rima bħala għodda li trodd il-ħlewwa (l-ewfonija) daqskemm hi għodda li tisħaq fuq it-tifsira. Il-ħoss verbali fl-idejn ta' mgħallem bħal Charles Bezzina jasal biex isir diwi tas-sens, kif jgħid Pope: the sound must be an echo to the sense. Aktar minn poeti oħrajn ta' qablu u ta' żmienu, Bezzina jitlob li jinqara b'leħen għoli, sewwasew għaliex, iżjed milli fil-każ ta' poeti oħrajn, huwa jikkonċepixxi l-poeżija dejjem bħala test mużikali, nisġa naturali magħmula minn sens u ħoss, minn alternanza kontinwa bejn enfasi u nuqqas ta' enfasi. Huwa jikteb b'mod li jrid ifakkar il-ħin kollu li l-versi tiegħu huma essenzjalment esperjenzi mbiddla fi ħsejjes metriċi, regulari, melodoċi u ma jistgħux jinqraw jekk mhux bħala sensiela ta' alternanzi bejn sillaba bl-aċċent u sillaba mingħajr aċċent. U se ngħaddu għall-fatti billi nikkwota silta mill-poeżija tiegħu Jekk għad tissamma' 'l qalbi

*Jekk għad tissamma' 'l qalbi,*
*Tħoss iħabbat baħar sħiħ,*
*Tisma' l-ħsejjes ta' ftit gawwi,*
*Jolfoq, jokrob bla mistrieħ.*

*Tisma' wkoll iż-żiffa tħaxwex*
*Bejn il-qasab tal-widien,*
*Tisma' r-ragħad kultant jirbombja*
*Fil-baħħ waħxi tas-sisien.*

Għal min ma jafx, Charles Bezzina twieled ir-Rabat Għawdex fl-1961. Awtur ta' tmien kotba ta' poeżiji, fejn il-baħar jilgħab parti importanti ħafna (il-ktieb li għandna f'idejna għandu ritratt ta' skoll b'firxa baħar madwaru miġbud minn Gerard Abela), sitta oħra dwar il-Gwerra f'Għawdex u ieħor dwar Għawdex f'nofs is-snin sittin li lili, ngħid għalija, ġabli ħafna nostalġija meta qrajtu. Rebbieħ għal darba tnejn tal-Premju Letterarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u ta' diversi konkorsi letterarji. Fis-sena 1994 Charles Bezzina rebaħ il-Premju internazzjonali Citta' di Valletta u fl-2006 ingħata 'Ġieħ il-Belt Victoria' mill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Charles huwa membru tal-Akkademja tal-Malti, tal-Għaqda tal-Malti (Universita'), delegat għal Għawdex tal-Għaqda Poeti Maltin u membru tan-National War Museum Association u tal-George Cross Island Association. Kif wieħed jista' jara Charles Bezzina għandu ħafna għal qalbu wkoll l-istorja tal-Aħħar Gwerra u dan ma jistax ikun mod ieħor meta missieru l-mibki u qatt minsi Francis Bezzina kiteb fuq li kiteb dwar dan is-suġġett u kif jgħid tajjeb il-qawl Malti: 'il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed'. Illum Charles qed ikompli fejn ħalla missieru u minn żmien għal żmien jissokta jagħtina ħjiel dwar iż-żmenijiet qliel u koroh tal-Gwerra li ġarrab pajjiżna bejn l-1939 u l-1944. B'xorti tajba rridu ngħidu li Għawdex tagħna ma batiex daqs Malta għad li kien messu s-sehem tiegħu wkoll barra li laqa' fih għadd kbir ta' Maltin li ppreferew jiġu jgħixu Għawdex u jitbiegħdu kemm jistgħu mill-periklu tal-alleati.

Il-Poeżija imma tibqa' l-ikbar sieħba ta' Charles Bezzina li skont il-Professur Oliver Friġġieri jħaddem tajjeb ħafna r-riżorsi metriċi kollha u qabel xejn, il-versi l-iżjed mużikali bħalma huma s-settenarju, l-ottonarju u l-endekasillabu. Ir-rima ta' kull xorta, kemm femminili u kemm maskili, imdaħħla fi skemi diversi, (rima fit-tarf, alternata, imbewsa, monorima) hija mqiegħda f'postha b'naturalezza tipika ta' awtur li huwa tassew is-sid tal-kelma li huwa jagħżel mhux biss bħala tifsira imma wkoll bħala ħoss, li huwa ħoss f'relazzjoni mal-ħoss imtenni f'kelma oħra. Minn ambjenti naturali li huwa twieled u trabba fihom f'Għawdex, qadim u kwiet, Charles Bezzina jislet it-tagħlimiet ewlenin li n-natura toffrilu bħallikieku huma stedina għall-ħajja. Il-baħar, bħala realtà u bħala metafora, huwa l-għajn tal-aspirazzjoni kollha ta' Bezzina. Il-lingwaġġ figurattiv daqskemm it-tematika huma kollha marbutin b'mod jew ieħor mal-baħar bħala l-mudell arketipiku ta' kull element ieħor. Jinħass il-ħin kollu l-poeta li jgħix fi gżira, mhux biss għaliex il-baħar jinsab kullimkien, imma wkoll




għaliex il-fatti, l-imkejjen, is-sentimenti, huma kollha okkażjonijiet biex il-poeta jsawwar mill-ġdid id-dinja tiegħu. Il-poeżiji kollha ta' Bezzina meqjusin bħala varjanti fuq tema fundamentali waħda, huma paradossalment kompromess mas-silenzju, espressjoni ta' qagħda ġewwiena li anki l-poeżija miktuba ma tasalx tikkomunikaha lil ħaddieħor. Bezzina jikteb biex iseddaq it-twemmin tiegħu li l-kitba tagħti biss ħjiel tal-interjorità.

Friġġieri jkompli jgħidilna li Bezzina jikteb il-versi biex joħloq okkażjoni li minnha tinsilet tagħlima morali. Sitwazzjonijiet diversi jistgħu jissieħbu flimkien biex jipproduċu kwadru uniku, definizzjoni waħda li fiha l-inċertezza tal-baħar mifhum bħala ċaqliq kontinwu u ċ-ċertezza tal-konklużjoni personali jidhru bħala ż-żewġ komponenti ta' realtà waħda. Ma jistax ikun li l-poeta mnebbaħ il-ħin kollu mir-relazzjoni komplessa tiegħu mal-baħar, mifhum bħala ċaqliqa dejjiema u infinità misterjuża, jonqos li jħares lejn il-kitba tal-poeżija anki bħala l-kitba tal-awtobijografija, kronaka metaforika ta' tiġrib u riflessjoni. Eżempju ta' dan hija din is-silta mill-poeżija tiegħu Qaluli Nerġa' lura:

*Qaluli nerġa' lura fis-snin t'ilu,*
*insib it-tfajjel ħiemed tal-imgħoddi,*
*fir-ramel jiġri u jaqbeż bla ma jaħseb,*
*jithenna qajl ma' ommu, ma' missieru*
*u jilqa' f'wiċċu r-raxx ifuħ tal-baħar.*

Ma nixtieqx intawwal imma hemm ħafna iktar xi tgħid dwar dan il-poeta


**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**
**Grazzi u napprezza ħafna.**

mill-belt Victoria imma jekk tridu tifhmu sewwa u ssiru tafu iktar dwaru, nissuġġerilkom taqraw sewwa, għal darba tnejn, l-istudju li għamillu fil-bidu ta' din il-pubblikazzojni, il-Professur Oliver Friġġieri li llum il-ġurnata sar jafu sewwa lil Bezzina billi din mhix l-ewwel darba li qed jagħmillu l-Kelmtejn għax-xogħlijiet tiegħu apparti l-fatt li l-Profs. illum huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa kritiċi u studjużi li qatt ipproduċa pajjiżna.

Nibża' li l-kotba tal-Poeżija mhux dejjem isibu suq tajjeb u ħafna drabi l-poeta jispiċċa joħroġ il-flus mill-but biex jara xogħlu mitbugħ u ħafna drabi l-kotba jmorru fuq l-irjus u l-kittieb jibqa' biss bis-sodisfazzjon u l-Prosit. U allura nħoss li għandi ngħid grazzi lil BOV u lil MSVLIFE li talinqas m'għalqulux il-bieb f'wiċċu meta l-awtur mar iħabbtilhom biebhom għal xi ftit għajnuna finanzjarja biex jistampa xogħlijietu. Nassigurahom li għamlu investiment tajjeb u ż-żmien għad jagħtihom raġun. Ċert li dawk li jħobbu bis-serjetà l-Letteratura Maltija mhux ser joqogħdu lura milli jiksbu kopja ta' dan l-aħħar ktieb tal-poeżiji tal-Poeta Għawdxi Charles Bezzina, Mill-Ħmura tax-Xefaq għax fih tassew x'ittiegħem u x'tiggosta!

***– Kav. Joe M Attard, Rabat - Għawdex***

# NAZZARENU ZERAFA – *intervistat minn Patrick Sammut*

## DWAR IL-POEŻIJA, MALTA U L-AWSTRALJA



**1. Meta u fejn twelidt?**

Twelidt iż-Żurrieq fis- 6 t'April 1950.

**2. Kemm ilek l-Awstralja u x'inhi jew x'kienet l-attivita' ewlenija tiegħek?**

Tlaqt minn Malta f'Novembru tal-1980 jiġifieri l-Awstralja se nagħlaq 34 sena u dejjem għext hawn fi Brisbane. Naħdem bħala 'medical scientist' fil-Haematolgy, f'laboratorju ta' kumpanija privata tal-Patoloġija, 'Sullivan Nicolaides Pathology' u nispeċjalizza fil-morfoloġija taċ-ċelloli. Nieħu ħsieb is-sezzjoni tal-'Bone Marrows' li minnhom neżaminaw aktar minn tlett elef fis-sena. Ix-xogħol inħobbu ferm għax interessanti u jtini ċertu sudisfazzjon. L-entużjażmu jmantnili l-interess, iżommli moħħi attiv u jkattarli t-tagħlim. Nemmen li wieħed m'għandu qatt jieqaf jitgħallem. Inħobb it-taħbil il-moħħ u aktar ma nitgħallem aktar nispokri kemm ma naf xejn. Il-mikroskopju hu l-ikbar ħabib tiegħi.

**3. Kif jidħlu l-letteratura u l-poeżija f'ħajtek?**

Il-poeżija daħlet f'qalbi minn meta kont għadni ċkejken. Ta' eta` bikrija ħafna, Ommi, Alla jaħfrilha, kienet għalmitni naqra u napprezza l-poeżija ta' Ġorġ Pisani, u dak ir-ritmu u l-melodija ta' dak l-ewwel vers poetiku li qatt tgħallimt, 'Teptep, teptep kewkba ċkejkna', baqgħu dejjem f'qabi u f'moħħi. Imbagħad fi tfuliti kompla jrawwemni z-ziju Kelinu, li kien għalliem, meta fl-għaxijiet sħan tas- sajf, konna nitilgħu nieklu fuq il-bejt għal dik iż-żiffa ħelwa li kienu jġibu magħhom l-għarajjex ta' Santa Marija, u kien jaqrali u jfhiemni poeżiji bħal 'On first looking into Chapman's Homer' ta' John Keats u 'Sohram and Rustum' ta' Matthew Arnold. Sintendi, imbagħad f'żogħżiti, il-klassiċi studjajthom għall-eżamijiet imma moħħi kien aktar mitfuh fuq suġġetti xjentifiċi u fuq il-mużika.

Il-kitba minn dejjem kont inħobba imma meta ġejt l-Awstralja u ridt naħseb u nitkellem b'lingwa oħra, il-Malti sirt inħobbu u napprezzah wisq aktar minn qabel. Ħassejt u għaddejt minn iżolament kbir soċjali u letterarju iżda peress li nħobb ħafna s-solitudni u fiha nsib refuġju kbir, tħabbibt mal-kotba u nżilt infittex fil-fond ta' qalbi u fil-qiegħ ta' ruħi x'kien li jagħmilni, dak li jen.

**4. L-Awstralja u Malta... punti favur u kontra. Kif jispirawk biex tikteb dawn?**

Sintendi, Malta tibqa dejjem art twelidek li f'qalbek ma tibdilha ma xejn u aktar ma jgħaddi ż-żmien u iktar ma tikber, bħassalamur u l-frieken tal-baħar, iktar wieħed iħoss il-ġibda u tiftix l-għeruq ta' fejn ixxettel. Pero` l-familja issa hawn qiegħda u bla ma trid issir parti mill-Awstralja ukoll. L-Awstralja hi kontinent vast u multikulturali, għalhekk wieħed isib ruħu espost għal kulturi differenti, ilsna, drawwiet u reliġjonijiet differenti kif ukoll mentalitajiet differenti u minn kulħadd titgħallem xi ħaġa. B'hekk twessa' l-viżjoni u tfettaħ il-perspettiva ta' kif tħares lejn il-ħajja u lejn id-dinja u dak kollu li jeżisti u jgħammar fiha.

Dwar kif jispirawni; jiena nemmen li l-lehma tematika titnissel, tisponta u tissawar minn diaspora ta' ħsus, idejat u ħsibijiet. Ngħid għalija, jimmotivani u jġiegħilni nikteb: il-ferħ u n-niket, is-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja, it-tfittxija għas-sewwa, għal verita` u għalpaċi. Jġiegħilni nikteb dak kollu li hu sabiħ u li hu pożittiv, dak kollu li bih isir il-ġid, dak kollu li minnu toħroġ il-verita`, dak kollu li jressaqna lejn xulxin, dak kollu li jmexxina 'l quddiem, dak kollu li jagħmel sens u dak li hu skond ir-raġuni. Pero` jġiegħilni nikteb ukoll dak kollu li jmur kontra r-raġuni, dak kollu li jmur kontra l-verita`, dak kollu lijweġġa' u dak kollu li jġib il-ġlied, dak kollu li joffendi u li jġib il-firda u l-mibegħda. Iġiegħilni nikteb dak kollu li jġiegħil lil demmi jbaqbaq għax imur kontra s-sewwa u l-verita`. Iġiegħilni nikteb dak kollu li hu Malti u dak kollu li jagħmilna vera Maltin għax Malti hu d-demm li jserrep f'għeruq ġismi.

**5. Illum kif tgħaddi l-ġurnata tiegħek?**

Bħal ma għedtlek iktar 'l fuq, għadni naħdem, għax hawn l-Awstralja l-eta` tal-irtirar hija ta' 65. Barra l-kitba nħobb ħafna d-daqq tal-kitarra speċjalment tal-Flamenco iżda nħobb ukoll il-prejjem pero` l-ftit ħin liberu li jkolli daż-żmien ngħaddieh ma marti nieħdu ħsieb it-tifla tat-tifel, Sienna li għad għandha sentejn u nofs u li iġġibilna ħafna ferħ fil-familja. L-innozenza tattfal għadha l-isbaħ warda fit-trobbija tagħhom.

**6. X'tiftakar mill-jiem tal-iskola tiegħek? Poeti u kittieba li jolqtuk l-iktar?**
Mill-jiem tal-iskola niftakar lil Francis Ebejer li kien is-Surmast tiegħi fl-iskola primarja taż-Żurrieq. Darba inzertajna pazjenti flimkien fl-isptar tal-'Blue Sisters' u kont immur inkellmu fil-kamra tiegħu. Kien dejjem jikteb fis-sodda u minn kmieni kien ħajjarni għal kitba. Imbagħad mill-Liceo niftakar lil Pawlu Aquilina u Ġuże Chetcuti li kienu l-għalliema tiegħi tal-Malti. L-imħabba għall-ilsien Malti sawwara fija l-Prof. P.P. Saydon li dak iż-żmien kont immur għandu għall-privat tal-Latin. Niftakar ukoll lil Kelinu Cachia li kellu imħabba speċjali għal poeżija u li dak iż-żmien kien jippreżenta l-programm letterarju 'Mill-Ġnejna Maltija' minn fuq ir-Rediffusion.Fost il-poeti u kittieba li influenzawni, insemmi lil DunKarm, Karmenu Vassallo, Ġorġ Pisani, Anton Buttiġieġ, Oliver Friggieri, Achille Mizzzi u fl-Awstralja, lil Manwel Cassar, Manwel Nicholas-Borg, Joe Saliba u Ġorġ Chetcuti. Bl-Ingliż, fost il-poeżiji li għandi għal qalbi nsemmi, 'If' ta' Rudyard Kipling, 'The Raven' ta' Edgar Allan Poe, 'Kubla Khan' ta' Samuel Taylor Coleridge u 'The Man From Snowy River' ta' Banjo Paterson. Inħobb naqra ukoll xogħolijiet ta' Henry Lawson. (Peress li anke inħobb ħafna l-psikoloġija u l-filosofija, kittieb u ħassieb ieħor li jolqotni ħafna u li qrajt ħafna kotba tiegħu, hu Edward Debono).
Forsi ninstema xi ftit jew wisq antikwat. Naf li l-poeżija, bħal kull forma oħra ta' arti, baqgħet dejjem tiżviluppa f'dawn l-aħħar tletin/erbgħajn sena b'forom u stili differenti u kompliet anke tistgħana fl-iżvilupp tal-metafora kumplessa imma ngħid għalija, fl-opinjoni fqira tiegħi, ħafna drabi nħossa nieqsa mill-melodija u l-armonija u tirrifletti x-xeħtiet moderni tal-mużika kontemporanja. Forsi sejjer żball!

**7. Għandek xi proġetti partikolari għall-ġejjieni?**
Jiena bniedem li ma nippjanax fit-tul. Kull fil-għodu nqum, inħares 'l barra mit-tieqa, nara x'temp hu u nieħu kull ġurnata kif tiġi. Pero` jekk il-Bambin jislifni l-għomor, u jibqagħli l-ħila, l-entużjażmu u l-interess, nixtieq li xi darba niskava il-minjiera rikka ta' xogħlijiet letterarji Maltin ta' diversi poeti, li hawn mirduma l-Awstralja taħt it-torob taż-żmien u noħroġhom għad-dawl tal-istudjużi u l-istudenti tal-Malti f'Malta.
(14 ta' Awwissu 2014)

***Din l-intervista qed nużaha fil-Folju tagħna bil-permess ġentili tal-ħabib kbir tagħna, Patrick Sammut (Malta). Din kienet dehret fir-riviżta tiegħu "IL-PONT"***

## Għanja Lill-Għasfur

Ja għasfur itir fil-ġnien
Fuq l-għelieqi u l-widien.
Int ma' kullimkien iddur,
Bi sbuħitek ħajti tfur.

Kemm togħġobni, ja għasfur!
B'dak rixek minn kull kulur.
Alla għamlek wisq gustuż,
U fuq ruħek, allegruż.

Ħallini ngawdik, għasfur
U nħarsek mill-kaċċatur.
Inti twajjeb, int ħabib,
Bħalek żgur li qatt ma nsib.

***– Charmaine Tanti (Mosta)***

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **f'Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh St, Reservoir, Victoria, 3073** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lili: **paul.vella44@gmail.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**